MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Numru. 599/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Michael Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi **Michael Zammit**, bin Salvu u Ganna nee' Apap, imwieled nhar id-19 ta' Settembru, 1951 u residenti fil-fond Mike Mary, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 64051(G) li gie akkuzat talli nhar it-28 ta'

Awwissu, 2011 ghal habta ta’ 10:19hrs waqt li kien fi Triq San Anard, Rabat, Ghawdex:

1. hedded lil PS 1424 Mario Sciberras persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel u minhabba li kien qed jaghmel dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. aktar talli sar ricediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-mod kif xehed l-imputat u dak li xehed PS 1424 Mario Sciberras, il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija minn PS 1424 Mario Sciberras.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 95(1) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jew huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta kundizzjonata;

Inoltre l-Qorti b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat b’garanzija personali ta’ hames mitt ewro (€ 500) fil-konfront ta’ PS 1424 Mario Sciberras ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------